

## REGOLAMENT (UE) Nru 1228/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Novembru 2011

li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 429/73 li jagħmel dispożizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti oġġetti li jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1059/69 u li joriġinaw fit-Turkija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja <sup>(1)</sup>,

Billi:

(1) It-titjib tat-trasparenza tal-liġi tal-Unjoni huwa element essenzjali tal-istrateġija għat-tfassil aħjar tal-liġijiet li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jimplementaw. F'dak il-kuntest huwa xieraq li dawk l-atti li ma għadx għandhom effett reali jitnehew mil-leġiżlazzjoni li hija fis-seħħ.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 429/73 <sup>(2)</sup> kien ġie adottat sabiex jiġi determinat il-komponent fiss imnaqqas tad-dazji tal-importazzjoni għall-prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw fit-Turkija u impurtati fil-qafas tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmit fit-23 ta' Novembru 1970.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali <sup>(3)</sup> tistabbilixxi

r-regoli għad-determinazzjoni tad-dazji għall-prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw fit-Turkija u impurtati fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament (KEE) Nru 429/73 għaldaqstant sar obsolet.

(4) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ċarezza, ir-Regolament (KEE) Nru 429/73 għandu għalhekk jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 429/73 huwa b'dan imħassar.

2. It-tħassir tal-att imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) iż-żamma fis-seħħ ta' atti tal-Unjoni adottati abbażi tal-att imsemmi fil-paragrafu 1; u

(b) il-validità kontinwa ta' emendi li saru mill-att imsemmi fil-paragrafu 1 lil atti oħrajn tal-Unjoni li mhumiex imħassra b'dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' Novembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BUZEK

Għall-Kunsill

Il-President

W. SZCZUKA

<sup>(1)</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011

<sup>(2)</sup> ĠU L 59, 5.3.1973, p. 85 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 03, Vol 02, p. 5).

<sup>(3)</sup> ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.